MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2014

Appell Civili - Ghawdex Numru. 269/2012/1

**Registratur, Qrati u Tribunal (Ghawdex)**

**Vs**

**Regina Farrugia (ID 17340).**

Fid-9 ta' Novembru 2012 inhareg mandat ta' sekwestru ezekuttiv kontra l-appellata ghas-somma ta' €149.08, flimkien mal-ispejjez tal-ittra ufficjali 5/2012 u l-istess mandat ta' sekwestru. It-titolu ezekuttiv huwa deskritt bhala:

*"Ittra ufficjali 5/2012 notifikata fit-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012)"*.

Permezz ta' ittra ufficjali prezentata fit-2 ta' Jannar 2012 l-appellanti sejhet lill-appellata biex thallas is-somma ta' €149.08 hlas li jinghad li hu dovut bhala dritt tar-Registru fir-rigward tal-kawza **Regina Farrugia vs Sindku u**

**Segretarju tal-Kunsill Lokali**, deciza fid-19 ta' Lulju 2005.

Fis-16 ta' Novembru 2012 il-mandat gie notifikat lill-appellata, li fid-29 ta' Novembru 2012 pprezentat rikors ghar-revoka tieghu minhabba li:-

i. Id-drittijiet tar-registratur m'humiex titolu ezekuttiv;
ii. L-ittra ufficjali m'hijiex titolu ezekuttiv;
iii. Il-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2156(g) tal-Kap. 12.

B'digriet moghti fid-29 ta' Lulju 2013 il-qorti hassret il-mandat ta' sekwestru wara li kkonkludiet li t-taxxa tar-Registratur m'hijiex wiehed mit-titoli ezekuttivi li jissemmew fl-Artikolu 253 tal-Kap. 12. Paragrafu (c) ta' din id-disposizzjoni jipprovdi li huma titoli ezekuttivi:

*"taxxi ta' drittijiet u spejjez gudizzjarji, mahruga favur ta' avukat, prokuratur legali, nutar pubbliku, perit jew perit iehor imqabbad minn qorti, jew xhud, meta dawn it-taxxi ma jkunux gew attakkati skont il-ligi."*.

L-aggravji tal-appellanti huma li:-

1. Id-digriet huwa null ghaliex ma giex pronunzjat fil-qorti bil-miftuh.
2. L-Artikolu 253 m'hijiex lista komprensiva tat-titoli ezekuttivi. Hekk per ezempju hi l-ittra ufficjali li ssir ai termini tal-Artikolu 166A jew 466 tal-Kap. 12, sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar, mortgages u bost ezempji ohra fil-kamp tad-dritt fiskali. In-natura esekuttiva tat-titlu tar-Registratur jiskatta mill-artilu 9(2) u 12 tat-Tariffa A tal-Iskeda A tal-Kap. 12. L-appellata giet notifikata b'ittra ufficjali u ghalhekk tilfet l-opportunita' li tikkontesta sabiex tirriforma l-ammont intaxxat bhala dritt tar-registru dovut lill-appellanti. Ghalhekk ladarba t-taxxa hi finali, l-appellanti tista' titlob il-hrug ta' kwalsiasi mandat ezekuttiv.

L-appellata wiegbet li:-

1. ‘Il fatt li d-digriet ma nqarax bil-qorti fil-miftuh m’ghandux iwassal ghan-nullita’ tieghu. Il-provvediment ghandu jigi nterpretat fis-sens li t-terminu tal-appell jiskatta minn meta jinqara bil-miftuh.
2. It-titolu ezekuttivi jissemmew espressament mil-ligi.

**L-Ewwel Aggravju**.

Mir-rikors promotur hu evidenti li r-rikors tad-29 ta’ Novembru 2012 sar a bazi tal-Artikolu 281 tal-Kap. 12, in kwantu bih l-appellata qeghda tattakka l-mandat ta’ sekwestru esekuttiv mahrug fid-9 ta’ Novembru 2012. Skond subinciz (4), mid-digriet jista’ jsir appell permezz ta’ rikors li ghandu jigi pprezentat fi zmien sitt ijiem **minn meta d-digriet jinqara fil-qorti bil-miftuh**. F’dan il-kaz jirrizulta li ma sarx hekk tant li fis-seduta tat-12 ta’ April 2013 il-partijiet inghataw terminu biex jipprezentaw noti ta’ riferenza u nghad: *“Wara l-qorti ser tghaddi ghad-digriet kamerali*”. Fil-fatt ma jirrizultax li kien hemm xi seduta ohra quddiem l-ewwel qorti u eventwalment id-digriet inghata fid-29 ta’ Lulju 2013.

It-twegiba ghall-ewwel aggravju tinsab fl-Artikolu 790 tal-Kap. 12. Jirrizulta li ghalkemm id-digriet ma nqarax fil-miftuh, l-appell sar fit-terminu preskritt mil-ligi. Dan ifisser li ‘l fatt li l-ewwel qorti ma qratx id-decizjoni fil-miftuh, hadd mill-partijiet ma sofra xi pregudizzju. Fl-Artikolu 790 jinghad f’liema cirkostanzi tista’ tintlaqa’ eccezzjoni ta’ nullita’ ta’ sentenza. L-aggravju tal-appellanti m’huwiex bazat fuq ir-ragunijiet li jissemmew fl-imsemmi provvediment, u li jekk graw kienu jwasslu ghan-nullita’ tad-decizjoni. Ghalkemm l-Artikolu 281 jirreferi ghal digriet filwaqt li l-Artikolu 790 tal-Kap. 12 jirreferi ghal sentenza, fil-fehma tal-qorti bid-decizjoni tad-29 ta’ Lulju 2013 l-ewwel qorti kienet qeghda tiddetermina b’mod finali l-kwistjoni quddiemha. Ghalhekk ma tara l-ebda raguni ghalfejn tali provvediment m’ghandux japplika ghal dan il-kaz. Waqt it-trattazzjoni tal-appell, id-difensur tal-appellanti stess argumenta li d-digriet kien jekwipara ghal sentenza.

**Tieni Aggravju**.

Il-qorti ma taqbilx mat-tezi tal-appellanti meqjus li:-

i. Fil-mandat ta’ sekwestru jinghad li t-titolu ezekuttiv hi l-ittra ufficjali numru 5/2012. Semmai bil-mod li argumentat l-appellanti, it-titolu ezekuttiv hi t-taxxa li harget u l-ittra ufficjali serviet biex tirrendiha ezegwibbli.
ii. L-appellanti ma ghamlet riferenza ghall-ebda provvediment tal-ligi li jghid li ghal dak li hu dritt tar-Registratur, l-ittra ufficjali jew it-taxxa hi titolu ezekuttiv. Hi l-ligi li tidentifika liema huma t-titoli ezekuttivi. Dawn huma elenkati fl-Artikolu 253 tal-Kap. 12 jew f’disposizzjoni ohra fil-Kap. 12 jew ligi ohra.
iii. Ir-riferenza ghal:-

(a) **Artikolu 166A tal-Kap. 12,** m’hijiex rilevanti ghaliex fih jinghad li meta l-ittra ufficjali ma tigix mpunjata bil-mod li jinghad fil-ligi, allura tikkostitwixxi titolu ezekuttiv (subinciz 4). L-ittra ufficjali li pprezentat l-appellanti ma saritx fit-termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12;
(b) **Artikolu 466 tal-Kap. 12,** m’hijiex rilevanti ghaliex it-titolu ezekuttiv hi d-dikjarazzjoni mahruga a bazi ta’ dak il-provvediment (Artikolu 467 tal-Kap. 12). F’dan il-kaz qabel l-appellanti ottjeniet il-hrug tal-mandat ezekuttiv ma segwitx il-procedura kontemplata fl-Artikolu 466.
(c) **Sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar,** m’hijiex flokha. Din hi ezegwibbli bhal sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Artikolu 10[4] tal-Kap. 380). Mela jfisser li s-sentenza hi t-titolu ezekuttiv. Fil-kaz in ezami m’hemmx sentenza favur l-appellanti.
(d) **Mortgages u *“ezempji ohra fil-kamp fiskali”***, m’hijiex ser titqies gialadarba l-appellanti ma ghamlitx riferenza liema huma l-provvedimenti tal-ligi li qeghda tirreferi ghalihom.
(e) **Paragrafu 9(2) tat-Tariffa A tal-Iskeda A (Kap. 12),** m’hijiex rilevanti. Ghalkemm jipprovdi li *“L-intaxxar li jsir mir-Registratur tal-ammont ta’ drittijiet li ghandu jithallas ikun finali”*, qieghed jirreferi ghall-intaxxar li jsir fil-mument tal-prezentata ta’ att gudizzjarju. Il-kaz in ezami jitratta ntaxxar li sar mir-Registratur wara sentenza.

(f) **Paragrafu 12 tat-Tariffa A tal-Iskeda A** (Kap. 12), m'hijiex rilevanti in kwantu ma jghidx li t-taxxa hi titolu ezekuttiv.

iv. Ir-riferenza ghall-Artikolu 64 tal-Kap. 12 ma tghinx it-tezi tal-appellanti. F'dan il-provvediment jinghad li:

*"L-ispejjez gudizzjarji jigu ntaxxati u likwidati mir-registratur, u t-taxxi maghmulin minnu ma jistghux jigu attakkati wara li jaghlaq xahar."*.

Dak li jsir finali hi l-likwidazzjoni li jaghmel ir-Registratur. Fis-sentenza **Avukat Dr Mario Felice vs Nobbli Markiz John Apap Bologna et** tat-22 ta' Frar 1960, il-Prim'Awla osservat:

*"Illi skond l-art. 62 (Proc. Civ) [illum 64], l-ispejjez gudizzjarji jigu ntaxxati u likwidati mir-Registratur, u t-taxxi maghmula minnu ma jistghux jigu attakkati wara li jaghlaq xahar; u fit-test Ingliz, "the assessment made by him may not be impugned after the expiration of one month". Il-lokuzzjoni tal-ligi hija cara, u minnha jidher illi d-dekorriment tax-xahar jolqot biss il-likwidazzjoni tal-ammont taxxat mir-Registratur, u mhux l-ezistenza tal-kreditu rizultanti mit-taxxa."*. Il-konkluzjoni kienet li mhux prekluz li wiehed jimpunja ***"[….] l-ezistenza tal-kreditu pretiz mill-konvenuti in forza tat-taxxi in kwistjoni;"*** (enfazi tal-qorti).

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell tat-Registratur, Qrati u Tribunali (Ghawdex), bl-ispejjez kontra taghha**.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------